MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 2100/2002

**Borg Cold Stores (Import & Distribution) Limited**

**vs**

**Mario Pickard u Mario Fenech f'isimhom propju u ezercitanti l-kummerc taht l-isem Trattoria Caraffa u b'digriet tat-30 ta' Gunju 2003 giet ordnata il-kjamata in kawza tas-socjetajiet Ideal Dwellings (Turnkey) Limited, Ideal Dwellings Limited u Ideal Entertainment Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Settembru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u erbgha u erbghin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm1,144.24)

rapprezentanti hlas fuq prezz ta’ ikel u ‘foodstuffs’ ordnati mil-konvenuti, lilhom kkonsenjat u mhux imhallsa, skond kif jidher fuq il-prospett immarkat bhala Dok A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali mibghuta fid-19 ta’ Awissu, 2001, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ kull invoice kontra l-konvenuti jew min minnhom, li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti u s-socjetajiet kjamati in kawza jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti u s-socjetajiet kjamati in kawza gew regolarment notifikati, naqsu milli jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti u s-socjetajiet kjamati in kawza ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, mija u erbgha u erbghin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm1,144.24) bl-imghax pagabbli mid-data ta’ kull invoice sal-hlas effettiv. .

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti u s-socjetajiet kjamati in kawza skond il-ligi.

**Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------